# il-Ħuttafa

Numru 183 Lulju - Awwissu 2024



Ċerna

BirdLife MALTA

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf



Aron Tanti

Garnija
(yelkouan shearwater)
fl-element tagħha

# Ħbieb naturalisti...

mill-editur

Darba kelli ħamster. Kont semmejtu Houdini għax minn kullimkien kien jaħrabli! Jum wieħed kont qed nitimgħu bil-kwiet. Kien żmien il-festa tar-raħal, u kif daqqew it-tmienja ta' filgħodu faqqa' murtal minn dawk li jġenġillek widnejk. Jien qbiżt pied bil-qatgħa, u anke Houdini qabeż... imma bil-qatgħa dan waqa' mejjet! Miskin Houdini!

Il-logħob tan-nar sar storbjuż wisq. M'iniex ngħid għall-ispettakli tal-kulur li jsiru. Qed ngħid għall-murtali "tal-bomba" li jagħmlu biss ħoss qawwi u xejn iktar. Kemm jaħsduk u daqshekk! Dat-tip ta' murtali jmisshom ikunu kontra l-liġi.




Possibli li biex niċċelebraw festa rridu nagħmlu storbju li jriegħed il-ħitan tad-djar?

U min jaf x'effett ikollhom fuq in-natura. L-annimali jitwerwru mill-ħsejjes kbar għax mhumiex ħsejjes naturali. Min jaf kemm annimali jiġrilhom bħal Houdini u jmutu bil-qatgħa.

Ħafna nies li jrabbu klieb, qtates, għasafar, żwiemel u anke ħut jgħidulek li waqt l-isparar il-pets tagħhom isiru aġitati, jiġru 'l hawn u 'l hemm qishom l-imġienen, u jdumu ħafna biex jikkalmaw. U bħall-ħamster tiegħi kultant imutu wkoll.

Aħna l-bnedmin għandna l-vizzju naħsbu li fid-dinja aħna biss neżistu. Nagħmlu li rridu bla ma nqisu l-ħsara li nagħmlu lill-ħlejjaq l-oħrajn.

Jien ċert li intom mhux hekk taħsbuha, għax in-naturalisti ma jirraġunawx hekk. Min jaf, forsi la tikbru xi ħadd minnkom ikollkom il-kuraġġ tibdlu il-liġi u tagħmluha iktar *nature-friendly*. Mill-ġenna tal-ħamsters Houdini żgur jgħidilkom prosit u grazzi!

Issa komplu gawdu l-vaganzi ħbieb.

Victor

**Victor Falzon** L-Editur

FUQ QUDDIEM



Ritratt ta' Victor Falzon

## Ċerna

Dusky Grouper *Epinephelus marginatus*

Iċ-ċerna nistgħu niltaqgħu magħha fl-ilma baxx madwar xtutna. Hija pjuttost mistħija u tippreferi toqgħod mistoħbija għad-dell ta' xi blata, imma xorta tħobb toħroġ tittawwal ħalli tara x'inhu jiġri madwarha, għax kurjuża. Iċ-ċerna kapaċi tikber sa xi 150ċm imma dawk li naraw fil-baxx ikunu frieħ żgħar.

Klabb Ħuttaf · Dinja Waħda · BirdLife Malta

## F'dil-ħarġa...


| | |
|---|---|
| Mill-editur | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| X'għandna mid-dinja? | 3 |
| Għaliex il-baħar mielaħ? | 4 |
| L-għasafar kollha! | 5 |
| Jagħtu! | 5 |
| Sea urchins | 6 |
| Meet the InCRABibles! | 7 |
| Ħamiema Rasha Twila | 8–9 |
| Bovanda | 10 |
| Agħti l-kulur | 11 |
| Art Gallery | 11 |
| My special thing! | 12 |
| Mid-Djarju tal-Widnet il-Baħar | 13 |
| What's special...? | 13 |
| Birds as pollinators | 14 |
| L-Iskarlat | 15 |
| Heritage Malta | 16 |


## Kitbu


Thais Amaral u Charlie Matthews (National Aquarium), Desirée Falzon, Victor Falzon, Thomas Gatt


## Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf is the junior (under 16) section of BirdLife Malta. Members

- can attend club activities, like walks, birdwatching, visits to nature reserves, boat trips and work to help nature
- receive *Il-Ħuttafa* every two months.

Your family too can become member, and you will then get *Bird's Eye View* magazine too. Annual subscription is €10 for Klabb Ħuttaf and €20 for Family.

## Kuntatti


tel **21347645**
emergency injured bird **79255697**
address **57/28 Triq Abate Rigord Ta' Xbiex XBX 1120**
editor email **victor.falzon@birdlifemalta.org**
general email **info@birdlifemalta.org**
website **www.birdlifemalta.org**


© BirdLife Malta, August 2024


Design and production Victor Falzon
Printed at Poultons on sustainably sourced paper

Reg.Vol.Org. VO/0052

# Sena rekord!




Victor Falzon

L-ispeċi ta' fekruna li tbejjet Malta hija l-**fekruna komuni** (loggerhead turtle) *Caretta caretta*. Din l-ispeċi hija mifruxa mad-dinja, u fil-Mediterran tbejjet f'diversi xtut ramlin. Hija mhedda minn ħafna perikli, fosthom it-tniġġis tal-baħar, dwal u żvilupp fix-xtut fejn tbejjet, xbiek tas-sajd u t-temperatura għolja tal-baħar.

**Das-sajf kien rekord għan-numru ta' bejtiet tal-fkieren tal-baħar f'pajjiżna: tmienja! L-ewwel waħda saret fil-15 ta' Ġunju fir-Ramla tal-Mixquqa u l-aħħar waħda fit-8 ta' Awwissu fir-Ramla l-Ħamra (Għawdex). Iż-żewġ bejtiet tar-Ramla ta' Għajn Tuffieħa tmexxew għar-Ramla tal-Mixquqa peress li l-kundizzjoni tar-ramel hemmhekk mhix adatta.**

**Minbarra dawn it-tmienja, kien hemm sitt darbiet oħra fejn fkieren telgħu l-art biex ibidu imma għal xi raġuni ma bidux u reġgħu lura l-baħar.**

**Il-bajd idum 50–60 jum biex ifaqqas. S'issa (jiġifieri sa ma bgħatna l-magażin għall-istampar) faqqsu l-ewwel żewġ bejtiet: minn waħda ħarġu 44 fkejruna u mill-oħra xi 35, u lkoll ġrew lejn il-baħar. Nawgurawlhom ħajja twila, filwaqt li nittamaw li l-bejtiet l-oħra jfaqqsu wkoll b'suċċess.**

**Grazzi u prosit kbira lill-voluntiera li joqogħdu għassa mal-bejtiet 24 siegħa kuljum, u lil Nature Trust u ERA li qed jikkordinaw ix-xogħol.**

Victor Falzon



**Waħda mill-35 frieħ (aktarx bniet) li faqqsu fil-21 t'Awwissu 2024. Ir-ritratt mhux ċar ħafna peress li l-frieħ faqqsu bil-lejl u ma użajniex flaxx jew dawl abjad ħalli ma nfixkluhomx jew ngħammxuhom. Good luck baby girls!**




## X'għandna mid-dinja?







Gafef qed ikissru waħda mill-erba' digi

Ix-xmara Klamath qiegħda fil-punent tal-**Istati Uniti**. Ħafna snin ilu fuq dix-xmara bnew erba' *hydroelectric dams* ħalli jiġġeneraw l-elettriku. Il-problema b'dawn id-digi *(dams)* hi li s-[1]sediment li jinżel mill-muntanji weħel wara d-digi u ma kompliex nieżel fil-bqija tax-xmara. Dan is-sediment importanti għall-ħajja tax-xmara għax ikun mimli nutrijenti. Għalhekk meta s-sediment ma baqax ġej l-[2]ekosistema tax-xmara bdiet tbati, u anke l-ħut naqas ħafna mix-xmara. B'xorti tajba xi snin ilu ddeċidew li d-digi jneħħuhom u jħallu l-ilma jerġa' jinżel bħal qabel, bis-sediment b'kollox. Dan se jagħti ħajja ġdida lin-natura tax-xmara Klamath. **L-aħħar diga fil-fatt iżżarmat das-sajf**. Kemm se jifraħ u jaqbeż is-salamun!

[1]**sediment.** Ħamrija, minerali u materjal organiku li jiskulaw mill-art u bix-xita spiss jispiċċaw fix-xmajjar
[2]**ekosistema.** Il-komunità ta' annimali u pjanti li jkunu jgħixu f'ċertu ħabitat

Desirée Falzon

# 10 Għaliex il-baħar mielaħ?



Manuel Mallia

Nies tal-BirdLife qed jiġbru l-melħ tal-baħar fir-riserva naturali tas-Salina

**X'inhu l-melħ? Il-melħ huwa mineral, sustanza li tinsab fin-natura u li flimkien ma' sustanzi (minerali) oħrajn jiffurmaw il-blat tad-dinja.**

## Ħafna...




Fid-dinja jeżistu ħafna minerali differenti u lkoll huma magħmulin minn elementi u taħlit ta' elementi differenti. Fost oħrajn nistgħu nsemmu minerali bħal **kalċju** *(calcium)*, **majka** *(mica)*, **fosfru** *(phosphorus)*, **kwarz** *(quartz)* ... u **melħ**.

## Mifruxin...

Il-minerali jinsabu mifruxin mad-dinja kollha: fil-ġebel, fil-ħamrija, fir-ramel. Ħafna minerali jinħallu fl-ilma, għalhekk insibuhom ukoll fix-xmajjar, fl-għadajjar u fil-baħar.

## Vulkani...

Allura l-melħ kif spiċċa fil-baħar? Miljuni ta' snin ilu kien hawn ħafna vulkani fid-dinja, ħafna iktar milli hawn illum. Vulkan jifforma meta jkun hemm xaqq fil-qoxra tad-dinja. Hija u tifforma d-dinja kien hawn ħafna minn dawn ix-xquq.

Meta jiżbroffa vulkan, minn dawn ix-xquq joħroġ blat maħlul u jikwi (lava), u miegħu joħroġ ukoll sħab kbir ta' duħħan mimli minerali. Dawk il-minerali – fosthom il-melħ – jispiċċaw fuq l-art. Meta tagħmel ix-xita dawk il-minerali jitkaxkru kollha lejn ix-xmajjar u l-għadajjar fejn jinġabar l-ilma. Minħabba li x-xmajjar jispiċċaw fil-baħar, ftit ftit u wara miljuni ta' snin, il-baħar imtela bil-minerali. Fost dawn il-ħafna minerali hemm il-melħ, u għalhekk il-baħar huwa mielaħ.

## Kuljum...

Din il-ħaġa għadha tiġri kuljum illum, imma mhux mill-vulkani biss. Kull meta tagħmel ix-xita, xi ftit melħ (u minerali oħra) li jkun fil-blat jinħall u jiskula għal ġox-xmajjar. Meta l-ilma tax-xmajjar jasal sal-baħar il-melħ li jkun hemm fl-ilma jispiċċa fil-baħar ukoll.

Ix-xmajjar stess ma jkunux melħin għax qatt ma jkun fihom biżżejjed melħ biex jagħtihom togħma. Il-melħ ma jibqax fix-xmajjar għax ikaxkruh lejn il-baħar. Imma fil-baħar l-ilma ma jmur imkien, għalhekk il-melħ dejjem iżid u jżid.

Barra minn hekk, ħafna ilma baħar jevapora (isir fwar) bis-sħana tax-xemx. Filwaqt li l-ilma jevapora, il-melħ ma jevaporax imma jibqa' fil-baħar. F'inħawi tad-dinja fejn tagħmel ħafna xemx il-baħar aktarx ikun iktar mielaħ għax jevaporalu ħafna ilma. Għalhekk l-ibħra tad-dinja mhux melħin l-istess.




Victor Falzon

# L-Għasafar KOLLHA ta’ Malta

F’Malta s’issa dehru ftit **iktar minn 400 speċi** ta’ għasafar. Xi speċi huma komuni, oħrajn rari, uħud iżuruna ftit ġranet fis-sena, oħrajn jgħixu magħna s-sena kollha. F’dis-sensiela qed inġibu l-lista kollha! Dawn huma **Numri 141 sa 150**...

141 
Isem Malti
**Pispisella**
Isem Ingliż
**Common Sandpiper**
Isem xjentifiku
*Actitis hypoleucos*

142 
Isem Malti
**Swejda**
Isem Ingliż
**Green Sandpiper**
Isem xjentifiku
*Tringa ochropus*

143 
Isem Malti
**Ċuvett**
Isem Ingliż
**Spotted Redshank**
Isem xjentifiku
*Tringa erythropus*

144 
Isem Malti
**Ċewċewwa**
Isem Ingliż
**Common Greenshank**
Isem xjentifiku
*Tringa nebularia*

145 
Isem Malti
**Pluverott**
Isem Ingliż
**Common Redshank**
Isem xjentifiku
*Tringa totanus*

146 
Isem Malti
**Swejda Ċara**
Isem Ingliż
**Wood Sandpiper**
Isem xjentifiku
*Tringa glareola*

147 
Isem Malti
**Ċewċewwa Żgħira**
Isem Ingliż
**Marsh Sandpiper**
Isem xjentifiku
*Tringa stagnatilis*

148 
Isem Malti
**Nankina**
Isem Ingliż
**Cream-coloured Courser**
Isem xjentifiku
*Cursorius cursor*

149 
Isem Malti
**Perniċjotta**
Isem Ingliż
**Collared Pratincole**
Isem xjentifiku
*Glareola pratincola*

150 
Isem Malti
**Gawwija Żgħira**
Isem Ingliż
**Little Gull**
Isem xjentifiku
*Hydrocoloeus minutus*

**Lista approvata minn BirdLife Malta. Għalkemm xi speċi magħrufin b’iktar minn isem wieħed, dawn huma l-ismijiet uffiċjali bil-Malti li tuża BirdLife Malta. L-ismijiet bl-Ingliż u xjentifiċi huma dawk li tuża BirdLife International (www.birdlife.org)**

Aron Tanti, Charles Galea Bonavia, Ray Vella


Paul Portelli

# Jagħtu!

Żewġ wiżgħat tal-kampanja *(Moorish gecko)* ntlemħu mqabbdin f’xulxin, fl-inħawi ta’ Għar Dalam. Min jaf fuq xiex kellhom xi jgħidu! Aktarx fuq territorju, għax il-wiża’ ma jħobbx min jidħollu fil-proprjetà tiegħu bla permess.

B’xorti tajba l-ġlieda ma damitx u ma ħallietx ħsara permanenti fil-kontestanti!


Paul Portelli

# SEA URCHINS: WHAT'S THE POINT?

MALTA NATIONAL AQUARIUM

**They might be scarily spiky and look funny, but sea urchins are animals who are cousins of starfish and sea cucumbers! Let's find out more about these amazing creatures which are, for now, protected from fishing in Malta.**

## WHO ARE THEY?

Sea urchins (rizzi) belong to a very old group of animals that have existed for over 450 million years. They can live anywhere from the surface of the sea down to over 5000m deep.



## MEET THE LOCALS

Here in Malta, we have 2 main species: the purple sea urchin (rizza mara) and the black sea urchin (rizza raġel). They are both herbivores!

## SEA URCHINS CAN WALK!

Like starfish, sea urchins have little tube feet at the bottom of their bodies which they use to move around slowly. There is no rush!

You read that right! Unlike what people usually think, the black and purple urchins are actually not the male and female, but instead two different species!





## THEY CAN ALSO BITE – BUT NOT YOU...

Their unique set of teeth is found on their underside and is used to eat plants and algae. The teeth together are called 'Aristotle's lantern', as he was the first person to write about it over 2000 years ago. And they are so good at what they do that humans mimic something similar in rovers to collect samples all the way from Mars!

## WHAT ABOUT THE SPIKY BITS?

Despite looking nasty, there is no need to be scared of their spines! Both common species in Malta are actually not venomous, nor can they shoot spines. While it may be painful to step on one, all you need to do is to remove the spines with tweezers, and hot water can help with the pain.

## SEA URCHINS NEED OUR HELP!

They are incredibly important! Without them eating the algae, reefs and rocky habitats would have an overgrowth of algae which is very unbalancing. Also, many different species feed on urchins. Despite their importance, around Malta we have less than 10% of urchins left because people were eating too many of them too fast! So much that now there's been a ban on catching them for 2 years to try to help them.




Some crabs have soft bodies, so they hide in empty snail shells. They are called **hermit crabs**. Before you read their names, can you find which of these pictures show hermit crabs?

# Meet the InCRABibles!

Most crabs live in the sea, and since Malta is an island we have crabs living all around us. Crabs are cute creatures and fun to watch as they go about their business of finding food or a friend (or a nice shell to live in). But they're all very shy, so if we want to observe them we need to be calm and patient. Here are 10 crabs we can meet in shallow waters.




























1 **blue swimmer crab** granċ tal-moqdief
2 **southclaw hermit crab** granċ xellugi
3 **shore crab** granċ tax-xatt
4 **spiny crab** grottlu
5 **stone crab** grottlu żgħir
6 **sally lightfoot** granċ teftufi
7 **tube hermit crab** granċ tat-tubu
8 **spiny spider crab** għaġuża
9 **shore hermit crab** granċ tal-bebbuxu tax-xatt
10 **striped hermit crab** granċ tal-bebbuxu rrigat

Photos by Desirée Falzon and Victor Falzon

# Ħamiema Rasha Twila

**Bull Ray** *Aetomylaeus bovinus*



Ritratt ta' Desirée Falzon meħud fil-Bajja tal-Mixquqa

Poster Il-Ħuttafa





# Bovanda

Kif aħna tfal? Illum vera eċitat (naqra aktar mis-soltu) għax għandi ħabiba ġdida! Dil-ħabiba jisimha Bovanda u ħa tgħidilkom ftit fuq proġett ġdid li l-BOV qed jagħmel f'kollaborazzjoni ma' Nature Trust.

*Ħellow!*

*Kif qalilkom tajjeb Petitu, jien Bovanda fekruna li ngħix fil-baħar. Sfortunatament xi żmien ilu kont qed ngħum fil-viċinanzi ta' Malta u spiċċajt ħażin għax blajt xi plastik u ħbula li l-umani jarmu fil-baħar. Fortunatament sabuni l-voluntiera ta' Nature Trust u ħaduni fi sptar apposta biex nirkupra.*

*Meta nħossni aħjar se jerġgħu jħalluni ninżel fil-baħar għax hemmhekk dari. Imma mhux hekk biss. Ħa jwaħħluli 'tracker' biex ikunu jistgħu jaraw fejn qiegħda u fejn qed indur biex żgur jibqgħu jieħdu ħsiebi. B'hekk ukoll ikunu jistgħu jistudjaw aktar fuqna l-fkieren u jgħinuna ngħixu ħajja aħjar.*

*Anke intom tfal tkunu tistgħu tarawni minn fuq il-kompjuter tagħkom! Żommu ruħkom aġġornati fuq il-paġni tal-BOV u ta' Nature Trust u tarawni ndur fil-Mediterran daqt!*

Grazzi Bovanda! X'taħsbu tfal? Interessanti hux? U tinsewx tarmux żibel bl-addoċċ għax jispiċċa jweġġa' sħabna l-annimali li tant għandna bżonnhom fl-ekosistema tagħna!

**Petitu**
(l-għasfur tal-bejt)



Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Zakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130.
Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

# Agħti kulur...



## L-għarusa

Ħuta komuni madwar xtutna f'ilma baxx, bl-Ingliż *rainbow wrasse*. Meta tkun għadha żgħira l-lewn tagħha jkun tista' tgħid iswed u abjad biss, imma meta tikber... Waww!



Victor Falzon

F'dawn il-ġranet sħan u nixfin oħorġu skutella bl-ilma fil-ġnien, fil-bitħa jew fil-gallerija ħalli l-għasafar isibu x'jixorbu!



## Art Gallery



Fjamingu
Sebastian Jonsson 8

## Għadek m'intix membru fi Klabb Ħuttaf?

- Tixtieq tidħol fil-Klabb?
- Tixtieq iġġedded?
- Tixtieq iddaħħal il-familja kollha?

Minn dal-QR code tista' tinqeda kollox onlajn. GRAZZI!

## Tixtieq tagħti donazzjoni lil BirdLife Malta?

Il-BirdLife ikollha ħafna spejjeż biex tmexxi l-attivitajiet u biex taħdem għan-natura.

Minn dal-QR code tista' tagħmel donazzjoni onlajn. GRAZZI!

**Ibagħtulna tpinġijiet tan-natura ħalli nġibuhom f'Il-Ħuttafa.**

victor.falzon@birdlifemalta.org



# My special thing!



Hi again guys,

I'm **Thomas Gatt**. I'm 11 years old and I began birding four years ago, but it feels like yesterday! Last year I wrote in *Il-Ħuttafa*, and I'm so excited to be back!

Birding is special for many reasons, but for me the most special thing is the memories you make and carry for life.



Birding on my birthday at Buskett. Not even Covid stopped us!

Three years ago I got my first pair of binoculars (which I still use today), and early on the morning of my birthday in January I headed to Buskett. That morning we saw lots of great birds including **serins**, **siskins**, a **blackbird**, a **goldcrest** and a **wryneck**.

Another great birding experience is when I visit the ringing station on Kemmuna and spend a night there with the ringers and trainees – my favourite treat! After a long day of birding and ringing we gather around a table to eat, exchange stories, tell jokes and laugh until it's time for bed to rest before another busy day.

Through birding I met lots of people of different ages and made some very good friends. I like to think of birding as a big happy neighbourhood where everyone is connected through their passion of being out in nature enjoying birds. Even if there are no birds around, being in the company of friends in nature is always relaxing and fun. Birding and the Young Birders Club have taught me a lot about socialising, skills that I use even in school.

Another important thing I learned through birding is how important it is to look after our country. We need to love Malta because we live here so it's our responsibility to do whatever it takes to have it in top condition for us and for nature. In BirdLife I met a lot of people who inspire me to make Malta a better place.



Helping out as a scribe on Kemmuna

The planet is in trouble and we all need to have our own little ways to look after it. It's easy to sit at home and grumble about problems. I wish to make a big impact by making Malta beautiful again. This is a motto I would like more people to adopt. If everyone makes one small change in their everyday life, we can make Malta beautiful again.

It's my biggest dream and I will persist to make it happen!

Tommy





The moment we discovered a rare desert wheatear at Majjistral

The **Young Birders Club** is part of **Klabb Ħuttaf**. To join the group ask your parents to email **nicholas.galea@birdlifemalta.org**

# Mid-Djarju...

**Sensiela ħelwa ta' kitbiet minn studenti tas-sitt sena fl-iskola primarja Fgura B, li jiktbu f'isem xi pjanti li jikbrulhom fil-Ġnien Dinja Waħda tal-iskola tagħhom.**

## Mid-Djarju ta' Widnet il-Baħar

Kitba ta' Carly Bonnici Yr 6.5

It-Tlieta, 9pm

Għażiż Djarju,

Dalgħodu kif qomt għidt 'Bonġu' lil sħabi l-pjanti. Ftit wara bdew deħlin it-tfal u qagħdu jittawluli. Imbagħad bdew jaslu l-għalliema u ġie s-surmast biex jagħmel xi ħaġa qisha laqgħa.

Wara t-tfal kantaw l-Innu Malti. Kemm ikantaw sabiħ! Vera ħadt gost nismagħhom. It-tfal flimkien mal-għalliema telgħu fil-klassi tagħhom. Wara kien hemm ħafna kwiet.

Imbagħad bdejt nitkellem mal-akbar ħabiba tiegħi, iċ-Ċistu Roża. Wara li spiċċajt inpaċpaċ mal-ħabiba, ġie xagħat fuqi. Dan dejjaqni ħafna għax beda jagħraxni u anke beda jikolli l-weraq. Jiena kkmandajtu biex imur fuq pjanta oħra għax għedtlu li jiena unika u speċjali għax jiena l-pjanta nazzjonali Maltija. Inħossni qisni r-reġina għax jien protetta bil-liġi.

Insomma, qgħadt nisma' l-għasafar, ġew il-friefet, iż-żnażan u anke n-naħal. Imbagħad ħadt nagħsa u ġie tifel jagħtini nixrob, u erġajt irqadt.

Dejjem tiegħek,

*Widnet il-Baħar*



Aron Tanti

Grazzi wkoll lill-għalliema ta' dawn l-istudenti Ms Christina Kitney

ĠONNA DINJA WAĦDA



## What's SPECIAL about this picture?

**In the picture we see a man with a jackhammer breaking up concrete. What's special about it? We see it and hear it all the time everywhere.**

Ah, but this place is not a building site. The man is not going to build a block of apartments here. He is working at the primary school in Rabat, and he's breaking up the concrete because... **the school wants a BIGGER wildlife garden!**

That's right! Less ugly paving and more soil, more flowers, more insects and more nature! Wow!

The garden at Rabat Primary school is a **Dinja Waħda Garden**. BirdLife Malta came up with the idea of Dinja Waħda Gardens many years ago. The idea is to help schools create special wildlife gardens where students can enjoy and learn about nature. Today there are 16 schools that have a Dinja Waħda Garden.

Rabat Primary is one of these schools and it's the first school **ever** that's actually removing concrete to give space back to nature! **That's** why the picture is so special!

Well done, Rabat Primary! We hope more schools do the same. And we'll be there to help them.

Here's what the Dinja Waħda Garden at Rabat Primary School will look like when it's ready.



# Birds as Pollinators



Whilst often overshadowed by bees, birds are critical pollinators for many plants. In some parts of the world, specific plants rely solely on birds for reproduction, highlighting their vital role in the plant kingdom's survival.

When the bird stops by the flower to eat its nectar, the sticky pollen gets attached to the bird's beak and feathers. Even birds, that simply eat insects off flowers, unintentionally contribute to pollination by carrying pollen on their bodies.

Some of the flowers' petals act as a landing platform for these chirping creatures, which allows them to have a good grip while they search for nectar. Taking the Passion flower as an example, its petals grow in direct proportion to the length of the Hummingbirds or 'hummers' bill. These birds are called "nectar robbers" because they sneak into a hole at the bottom of a flower that was made by bees, wasps, or other insects. They steal the nectar without helping to pollinate the flower.



## Fun Facts

**1**

**Long-distance Flyers:**
Birds like hummingbirds can travel long distances, thus, they move pollen between different plants, helping plants grow in new and different ways.



**2**

**Special Beaks:**
Some birds, have long, lengthy, and curved beaks which fit perfectly to the shape of specific flowers thus, allowing them to reach nectar hidden deep inside.

**3**

**Economic Powerhouses:**
Birds play a vital role in the agricultural sector as many fruits, vegetables, and nuts we consume rely on bird pollination.



ERA
Environment & Resources Authority

# F A T T I F A W N A




# l-Iskarlat

- Il-mazzarelli *(dragonflies)* huma insetti kbar u spiss b'ilwien jgħajtu. L-iskarlat huwa mazzarell, u mhux nieqes mill-kulur!

- Jismu skarlat għax il-kelma skarlat *(scarlet)* tfisser aħmar.

- Fl-iskarlat ir-raġel biss ikun aħmar. Il-mara tkun ġeneralment dehbija.

- L-isem tal-iskarlat bl-Ingliż huwa **broad scarlet** u l-isem xjentifiku tiegħu huwa ***Crocothemis erythraea***.

- Fl-Ewropa jeżistu xi **120 speċi** ta' mazzarell imma f'Malta jidhru biss xi 16-il speċi minnhom. Ir-raġuni li aħna daqshekk fqar fil-mazzarelli hija għax pajjiżna nieqes mill-ħabitat favorit tagħhom: l-għadajjar *(lakes)*.

- L-iskarlat huwa wieħed minn żewġ speċi regolari ta' mazzarelli ħomor li naraw f'Malta. L-ispeċi l-oħra hija l-**ħamrani** (red-veined darter *Sympetrum fonscolombii*), li wkoll huwa komuni.

- L-iskarlat huwa l-iktar mazzarell komuni fil-Gżejjer Maltin. Jidher l-iktar minn Ġunju sa Ottubru.

- L-iskarlat iħobb ġwiebi, vaski u għadajjar. Hemmhekk isib in-nemus, l-ikel favorit tiegħu, imma jaqbad insetti oħra wkoll. Il-priża jaqbadha billi jtir għal warajha u jaħtafha b'saqajh.

- L-iskarlat raġel huwa territorjali ħafna u ma jħallix irġiel oħra jidħlulu fir-roqgħa tiegħu. Jekk jara rġiel oħra jmur malajr ikeċċihom, anke rġiel ta' speċi oħrajn, speċjalment il-ħamran.

- Bħall-mazzarelli l-oħrajn, l-iskarlat mara tbid fl-ilma u l-frieħ ikunu qishom ħanfus li jgħixu fl-ilma. Huma wkoll predaturi u jaqbdu annimali żgħar mill-ilma.



L-iskarlat mara tkun spiss dehbija

[1]**territorjali.** annimal li jiddefendi l-art tiegħu minn annimali oħra tal-istess speċi

CLEAN OCEANS
Educational Programme

# Aktar avventuri, lil hinn minn tal-iskola l-kurituri!

Fil-ħarifa l-baħar jiksaħ, iżda **ma' Heritage Malta** tista' tiskopri minn fuq l-art ġmiel il-ħlejjaq li jgħixu fih!

Ħu sehem **fil-programm edukattiv ġdid** li se nniedu għall-istudenti tat-**Tmien Sena bejn Ottubru u Diċembru**, biex flimkien naraw kemm hu **importanti li nżommu l-ibħra nodfa, insegwu filmati dwar it-tneħħija ta' xbieki abbandunati** f'siti storiċi f'qiegħ il-baħar, u **nitgħallmu x'kien ifisser il-baħar għall-Kavallieri**.

Esperjenza unika fejn il-passat u l-preżent jingħaqdu flimkien permezz tat-tagħlim dwar l-istorja u l-użu **tat-teknoloġija moderna!**

GOVERNMENT OF MALTA

Norway grants

Heritage Malta

FONDI.eu